

Rikors imressaq fl-20 ta' Marzu 2007 — Il-Parlament Ewropew vs Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

(**Kawża C-155/07**)

(2007/C 155/13)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: R. Passos, A. Baas, D. Gauci, aġenti)

Konvenut: Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Arpio Santacruz, M. Sims, D. Canga Fano, aġenti)

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE (¹), tad-19 ta'Diċembru 2006, li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment kontra telf riżultanti minn self u minn self b'garanzija għal proġetti barra l-Kommunità, min-ħabba vjolazzjoni tat-trattat KE;
- tordna li l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jbatis l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

In sostenn tar-rikors tiegħu, il-Parlament Ewropew jinvoka argument wieħed fondat fuq l-għażla ħażina tal-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata. Peress li din id-deċiżjoni fil-fatt tikkonċerna essenzjalment pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw minn fost dawk il-pajjiżi eliġibbli jew potenzjalment eliġibbli għall-benefiċċju ta' finanzjament mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment b'garanzija Komunitarja, din imissaha ġiet adottata abbażi ta' l-Artikoli 179 KE u 181a KE flimkien, u mhux biss abbażi ta' dan l-Artikolu msemmi l-aħħar, li jeskludi mill-portata tiegħu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

(¹) ĠU L 414, p. 95.

Konvenut: Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Vitro u M. Moore, aġenti)

Talbiet

— tannulla r-Regolament (KE) Nru 1968/2006 (¹) tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2007-2010)

— tikkundanna lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jbatis l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-Parlament Ewropew jinvoka motiv wieħed biss in sostenn tar-rikors tiegħu, ibbaż fuq għażla żbaljata tal-bażi legali tar-Regolament ikkонтestat. Peress li l-miżuri previsti minn dan ir-Regolament jaqgħu fil-fatt taħt l-attribuzzjonijiet Komunitarji fil-qasam ta' koeżjoni ekonomika u soċjali, huma kellhom jiġu adottati fuq il-bażi tat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 159 KE u mhux fuq l-Artikolu 308 KE, li jista' jiġi użat biss jekk ebda dispożizzjoni tat-Trattat ma jaġhti lill-istituzzjonijiet Komunitarji l-kompetenza neċċessarja sabiex jiġi adottat l-att in kwistjoni.

(¹) ĠU L 409, p. 81 u — corrigendum — ĠU 2007, L 36, p. 31.

Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (L-Awstrija) fit-30 ta' Marzu 2007 — Hartlauer Handelsgesellschaft m.b.H. vs Wiener Landesregierung u Oberösterreichische Landesregierung

(**Kawża C-169/07**)

(2007/C 155/15)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Rikors imressaq fis-26 ta' Marzu 2007 — Il-Parlament Ewropew vs Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

(**Kawża C-166/07**)

(2007/C 155/14)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: I. Klavina u L. Visaggio, aġenti)

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichtshof (L-Awstrija)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Hartlauer Handelsgesellschaft m.b.H.

Konvenuti: Wiener Landesregierung u Oberösterreichische Landesregierung